Ħaż-Żabbar
Città Hompesch

**Minuti tal-406 laqgħa tal-Kunsill li saret nhar l-Erbgħa, 21 ta' Novembru, 2012**

Il-laqgħa bdiet fis-6.25 ta' filgħaxija b'talba. Is-Sindku, is-Sur Domenic Agius, ippresieda l-laqgħa.

**<u>Item 1 – Attendenza u Apoloġiji</u>**

Preżenti kienu s-Sindku s-Sur Domenic Agius, il-Viċi-Sindku s-Sur John J Pace u l-Kunsillieri s-Sinjuri Joseph Bonnici, Robert Buhagiar, Joseph Buttigieg, u Anna Calleja.

Is-Sur Keith Pisani daħal għal-laqgħa fis-6.30 ta' filgħaxija u s-Sur Mark Grech daħal għal-laqgħa fis-6.45 ta' filgħaxija

Is-Sur Kevin Plumpton kien skużat.

**<u>Item 2 – Approvazzjoni tal-Minuti</u>**

Il-minuti tal-405 laqgħa ġew unanimament approvati fuq proposta tas-Sur Bonnici li ġiet issekondata mis-Sur Buttigieg.

**<u>Item 3 – Mistoqsijiet u Affarijiet mill-Minuti</u>**

Is-Sur Buttigieg qal li għalkemm kienet ġiet irranġata il manhole fi Triq Hompesch quddiem ir-residenza numru 21, din xorta baqghet tħabbat.

Is-Sur Bonnici staqsa jekk kienetx intbgħatet l-ittra lir-residenti ta' Triq il-Grazzji sabiex jiġu nfurmati dwar ir-raġuni għala kien waqaf ix-xogħol ta' resurfacing f'din it-triq.

Is-Segretarju informa l-Kunsill li kien intervjena biex tinstab soluzzjoni dwar il-problemi li kien hemm mal-Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma u Vella Group u issa x-xogħol fi Triq il-Grazzji mistenni jitkompla fi żmien qasir.

Is-Sur Bonnici staqsa jekk kienetx intbgħatet l-applikazzjoni għas-servizz tad-dawl għal-bandli ta' Ġnien Tamara Psaila. Is-Segretarju informa l-Kunsill li l-applikazzjoni kienet ġiet sottomessa.

Is-Sinjura Anna Calleja infurmat il-Kunsill illi l-inkwatri li oriġinarjament kienu ser jingħataw mic-China Cultural Centre lis-sorijiet tas-Sagra Familja, ma setgħux jinqalgħu minn mal-gwarniċi u dan peress illi kienu mwaħħlin bil-kolla. Għaldaqstant wara li ġew infurmati ic-China Cultural Centre ġie ordnat li l-gwarniċi jiġu ritornati lura lilhom.

Is-Sur Buttigieg staqsa jekk il-Kunsill kienx irċieva xi nformazzjoni ġdida mil-GAL dwar Triq Ħas-Sajjied. Is-Segretarju wieġeb fin-negattiv.

Is-Sur Buttigieg talab aktar informazzjoni dwar l-ittra li ntbgħatet mill-Kunsill biex jinbidel l-isem tat-triq f'parti minn Triq il-Kapuċċini.

Is-Sinjura Anna Calleja infurmat il-Kunsill li hemm xi familji inkluż il-familja Buhagiar li ma kienux qed jaqblu li jsir tibdil fl-isem tat-triq.

Is-Sindku issuġġerixxa li ssir talba lid-*Door Numbering Unit* sabiex jiġu innumerati il-bibien. Is-Sur Grech qal illi minħabba li hemm xi plots għadhom vojta ma jistax isir l-innumerar tal-bibien.

**<u>Item 4 - Minuti tas-Sotto Kumitat</u>**

Ma kienx hemm minuti tas-Sotto Kumitati.

**<u>Item 5 – Korrispondenza</u>**

Dwar l-ittra nterna lis-Sindku u l-Kunsillieri mis-Segretarju Eżekuttiv dwar *issues* relatati mal-operat finanzjarju u amministrattiv tal-Kunsill, is-Sur Buhagiar ippropona li l-kontenut ta' l-ittra jiġi diskuss fil-laqgħa li jmiss. Is-Sur Grech issekonda din il-proposta u l-Kunsill qabel unanimament ma din il-proposta.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mis-Sur Adrian Mifsud mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali fejn id-Dipartiment ikkonferma illi l-informazzjoni mogħtija fl-email tiegħu tal-14 ta' Ġunju 2012 għat-talba magħmula mill-Kunsill huma validi. Id-Dipartiment fakkar il-Kunsill illi kull membru tal-bord tal-għażla għandu jagħti l-opinjoni miktuba li ġġib il-firma tiegħu u jekk xi membru tal-istess Bord ma jaqbilx mar-rakkomandazzjoni tal-maġġoranza għandu jagħmel dikjarazzjoni iffirmata li tiġi anessa bħala parti ntegrali mir-rapport. Dan ir-rapport għandu jiġi ppreżentat fl-integrita' tiegħu lill-Kunsill għall-approvazzjoni jew mod ieħor.

Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Buttigieg il-Kunsill qabel unanimament li d-deċiżjoni dwar l-ingaġġ tal-Ufficjal Prinċipal Amministrattiv tittieħed fil-laqgħa li jmiss.

Is-Segretarju Eżekuttiv rrefera għal-deċiżjoni li kienet ittieħdet mill-Kunsill fil-laqgħa tal-1 ta' Awwissu 2012 dwar l-impjegata tal-Kunsill is-Sinjura Alison Agius u qal li l-impjegata kienet talbet sabiex ma tirritornax lura għax-xogħol u li ser taħdem is-sitt xhur ta' wara l-leave tal-maternita fis-servizz pubbliku.

Fuq talba tal-Kunsill reġgħet inqrat l-ittra mibgħuta mis-Sinjura Maria Zammit, mid-Dipartiment għal-Gvern Lokali fil-5 ta' Lulju 2012 li infurmat lill-Kunsill illi r-raġuni li qed tagħti s-Sinjura Agius setgħet tiġi ikkunsidrata mill-Kunsill bħala raġuni valida peress illi l-impjegata ser tkun qed taħdem is-sitt xhur li qed tagħti mad-Dipartiment għall-Edukazzjoni.

Fis-7.20 ta' filgħaxija s-Sur Keith Pisani talab li jkun skużat

Is-Sur Pace ippropona illi l-Kunsill jaċċetta illi s-Sinjura Agius li fil-preżent tinsab fuq *Carreer Break* ma tidħolx lura għax-xogħol mal-Kunsill u li s-sitt xhur xogħol relatat mal-leave tal-maternita jinħadem mill-impjegata mad-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni. Is-Sinjura Calleja issekondat din il-proposta u l-Kunsill qabel unanimament.

Inqrat Memo 45/2012 mibgħuta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar Skema ta' Finanzjament ta' Inizjattivi Speċjali 2013. Is-Sindku ippropona li l-Kunsill japplika taħt din l-iskema għal-finanzjament tal-proġett ta' rikreazzjoni f'Buleben iz-Zgħir. Is-Sur Buttigieg issekonda lis-Sindku u l-Kunsill qabel unanimament.

Is-Sindku ippropona sabiex il-Kunsill japplika formalment għad-devoluzzjoni tal-art f'Buleben iż-Żgħir sabiex din tiġi żviluppata f'post ta' rikreazzjoni mill-Kunsill. Is-Sinjura Anna Calleja issekondat din il-proposta u l-Kunsill qabel unanimament li ssir din it-talba.

Inqrat ittra mis-Sur Kenneth Borg fejn talab spjegazzjoni lill-Kunsill għaliex is-siġra tal-għargħar li ħawwel huwa stess permezz tal-Kampanja 34U fil-Gnien il-Kunsill madwar seba xhur ilu m'ghadiex f'postha.

Is-Sur Bonnici informa lill-Kunsill li kien ser jindaga dwar din is-siġra tal-għargħar sabiex il-Kunsill ikun jista jgħati risposta lis-Sur Borg.

Is-Sur John J Pace informa lill-Kunsill li kien ġie avviċinat minn resident li għandu siġra tal-palm fir-residenza tiegħu u li lest li jagħtiha lill-Kunsill mingħajr ħlas.

Is-Sur Pace tkellem dwar ittra li dehret f'gazzetta lokali dwar cint fil-Qasam ta' Djar. Is-Sindku informa lill-Kunsill li kienet inkitbet ittra lid-Dipartiment tal-Artijiet u l-każ ġie mgħoddi lill-Pulizija.

Inqrat ittra mibgħuta mill-Kunsill taż-Żgħażagħ fejn il-Kunsill gie nfurmat illi l-*Youth Carer* responsabbli miż-żgħażagħ li ser jiffurmaw il-Kunsill Lokali żgħażagħ ta' Ħaż-Żabbar kienet ser tkun is-Sinjorina Rowena Cilia.

Inqrat korrispondenza mill-moviment Kerygma dwar applikazzjoni biex il-Kunsill ikun jista jinnomina żgħażugħ jew żgħażugħa għal-Premju Żgħażagħ tas-Sena. Fuq proposta tas-Sur Robert Buhagiar li ġiet issekondata mis-Sur Pace il-Kunsill qabel unanimament li din l-applikazzjoni tingħata lill-Kunsill taż-Żgħażagħ sabiex issir in-nominazzjoni għal dan il-premju.

Inqrat ittra mibgħuta mic-Chairman tal-Kunsill tal-Libreriji fejn ħeġġeġ lill-Kunsilli Lokali jipparteċipaw f'Jum il-Libreriji li ser jiġi ċċelebrat fil-5 ta' Diċembru. Is-Sur Buhagiar ippropona illi f'dan il-Jum il-librerija tinfetaħ il-ġurnata kollha u jekk hu possibli ssir attivita flimkien mal-iskejjel tal-lokalita`.

Inqrat Memo 40/2012 mibgħuta mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar għajnuna lill-Kunsilli Lokali li għandhom ir-responsabbilita tal-librerija lokali.

Is-Sur Buhagiar ippropona li l-Kunsill jipparteċipa f'din l-iskema billi joħroġ l-ammont ta' €350 u li qabel ma jinxtraw il-kotba għall-librerija, il-Kunsill jikkonsulta mal-amministrazzjoni tal-iskola sabiex ikun hemm għażla ta' kotba differenti minn dawk li hemm fil-librerija tal-iskola. Is-Sur Buttigieg issekonda lis-Sur Buhagiar u l-Kunsill qabel unanimament.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-Kumitat Amministrattiv St Peter's li talab l-għajnuna finanzjarja tal-Kunsill sabiex ikun jista jsir xogħol ta' *resurfacing* fi Triq il-Marżebb. Fuq proposta tas-Sur Buhagiar li ġiet issekondata mis-Sur Pace il-Kunsill qabel unanimament illi jinforma lill- Kumitat Amministrattiv ta' St Peter's li din id-deċiżjoni trid tittieħed meta jsir il-Budget għas-sena 2013.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali rigward laqgħa li ser issir dwar is-sitwazzjoni tat-trasport pubbliku fil-lokalitajiet ta' Malta.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-Kunsill tal-Volontarjat li talab l-għajnuna tal-Kunsill sabiex jipprovdi l-post fejn jistgħu jsiru l-laqgħat kif ukoll li l-Kunsill jinforma l-għaqdiet u organizzazjonijiet tagħhom dwar dan il-laqgħat. Fuq proposta tas-Sur Pace li ġiet issekondata mis-Sindku il-Kunsill qabel unanimament li joffri s-sala tal-Kunsill sabiex isiru dawn il-laqgħat.

Inqara r-rapport tat-tielet kwart mibgħut mill-GreenPak dwar is-separazzjoni tal-iskart.

Fuq proposta tas-Sur Bonnici li ġiet issekondata mis-Sur Buttigieg il-Kunsill qabel unanimament illi jġedded il-kuntratt għal sena oħra mal-kumpanija Greenpak għall-ġbir ta' skart separat bieb bieb, reċipjenti għal-skart separat (*Bring in Sites 1100ltrs*), ġbir ta' skart separat (*Bring In Sites).*

Is-Segretarju informa lill-Kunsill li kien irċieva mingħand ir-residenti ta' Triq iċ-Ċimiterju ir-risposti għall-ittra li bgħat il-Kunsill dwar il-proposta li ssir *road hump* fit-triq tagħhom. Il-Kunsill irċieva 29 risposta fejn 21 familja qablet u 8 familji ma qablux li għandha ssir din ir-*road hump*. Fuq proposta tas-Sur Grech li ġiet issekondata mis-Sindku il-Kunsill qabel unanimament li din ir-*road hump* issir f'post fejn il-maġġoranza tar-residenti iriduha.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-Assoċjazzjoni Bejjiegħa tal-Monti li talbu lill-Kunsill sabiex jitwaħħlu tabelli informattivi u indikattivi lis-sewwieqa tal-vetturi peress illi l-bejjiegħa qed isibu diffikultajiet ta' kull nhar ta' Sibt biex jarmaw fis-suq. Fuq

proposta tas-Sur Buhagiar li ġiet issekondata mis-Sur Grech il-Kunsill qabel unanimament li jitwaħħlu dawn it-tabelli f'Misraħ San Ġakbu.

Inqrat korrispondenza mibgħuta minn Transport Malta fejn il-Kunsill ġie nfurmat illi l-applikazzjoni għal *zebra crossing* fi Triq l-10 ta' Settembru, 1797 intbgħatet lill-ITSD għall-approvazzjoni.

Is-Sur John J Pace talab il-Kunsill sabiex terġa tinkiteb ittra lill-Transport Malta dwar il-periklu li qed ikollhom jgħaddu minnu n-nies biex jaqsmu minn Triq Labour speċjalment fil-viċinanzi ta' Triq Melita. Fuq proposta tas-Sur Bonnici li ġiet issekondata mis-Sur Buttigieg il-Kunsill qabel unanimament li jikteb lill-Transport Malta.

Inqrat Memo 36/2012 mibgħuta mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar seminar li ser isir nhar il-Gimgħa 23 ta' Novembru 2012 rigward is-sehem tal-Kunsilli Lokali fl-Istrateġija Ewropa.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mis-Sinjura Darmanin dwar problema ta' ipparkjar fi Triq Santa Duminka. Is-Sinjura Darmanin talbet sabiex jitneħħa parkeġġ li hemm fit-triq għal-persuni b'diżabilita u li mhux tiġi użata. Is-Sur Mark Grech informa l-Kunsill li kien mar ikellem lis-Sinjura Darmanin sabiex jara x'jista jsir dwar dan l-ilment.

Dwar il-korrispondenza mibgħuta mill-*Youth Support Work Placement* is-Segretarju Eżekuttiv qal li s-Sinjorina Tiziana Testa kienet bdiet ix-xogħol tagħha mal-Kunsill minn din il-ġimgħa.

Is-Sur John J Pace informa l-Kunsill li għal darb' oħra kien ser jorganizza l-attivita ta' *Street Carol Singing* tal-Milied. Il-Kunsill ser iħeġġeġ lill-pubbliku sabiex jgħin f'din il-kampanja.

Is-Sur Robert Buhagiar informa l-Kunsill li kien ser jorganizza transport għal-fun run li ser tiġi organizzata mill-President ta' Malta fit-2 ta' Diċembru, 2012.

## Item 6 – Xogħol tal-Kunsill

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill l-iskeda ta' ħlasijiet għall-perjodu ta' bejn il-25 ta' Ottubru, 2012 u l-21 ta' Novembru, 2012 li kien jammonta għal €39,297.86. Dan ġie approvat unanimament fuq proposta tas-Sur Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sur Bonnici.

Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Bonnici, il-Kunsill approva unanimament il-*petty cash expenditure* għax-xahar ta' Ottubru 2012 li kien jammonta għal €141.06.

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq quddiem il-Kunsill mozzjoni proposta mis-Sindku u ssekondata mis-Sur John J Pace biex isiru trasferimenti fl-estimi annwali għas-sena finanzjarja Jannar – Diċembru 2012.

Is-Sur Mark Grech propona li din il-mozzjoni tiġi diskussa f'laqgħa oħra biex ikun hemm aktar żmien biex jiġu evalwati it-trasferimenti li ser isiru. Is-Sur Buhagiar issekonda lis-Sur Grech u l-Kunsill qabel unanimament li din il-mozzjoni tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss.

Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi peress li s-sena l-oħra ma kienx possibli għal-uħud mill-impjegati tal-Kunsill li jagħmlu użu sħiħ mill-ġranet ta' *vacation leave* minħabba esiġenzi ta' xogħol, qed tintalab l-approvazzjoni tal-Kunsill biex numru ta' siegħat mill-*vacation leave* u *time off in lieu* ta' sena 2012 jiġu akkumulati mal-*vacation leave* u *time off in lieu* tal-impjegati għas-sena 2013 kif ġej:

| | |
|---|---|
| Isabella Testaferrata De Noto | 7 siegħat *time off in lieu* |
| Sharon Camenzuli | 52.5 siegħa *time off in lieu* |
| Mary Rose Caruana | 42 siegħa *time off in lieu* |
| Stephanie Testaferrata De Noto | 87.5 siegħa *vacation leave* |

Fuq proposta tas-Sindku li ġie issekondata mil-Viċi Sindku l-Kunsill qabel unanimament li jagħti l-permess li jġedded il-*vacation leave* u it-*time off in lieu għall*-impjegati.

Is-Sur John J Pace informa l-Kunsill illi l-ispiża relatata mas-servizz ta' tilqim ta' kontra l-influwenza kienet ser tkun ta' €200. Is-Sur Robert Buhagiar issekonda din il-proposta u l-Kunsill qabel unanimament li jħallas għal dan is-servizz.

Il-laqgħa spiċċat fl-9.45 ta' filgħaxija.

Duncan Busuttil
Segretarju Ezekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fl-laqgħa li saret nhar l-Erbgħa, 28 ta' Novembru, 2012.

Domenic Agius
Sindku